**Mill-kliem ghall-fatti dwar il-kriminalita**

F'dawn l-aħħar snin, il-Partit Laburista prova jpinġi ruħu bħala l-partit ta' zero tolleranza fil-qasam ta' l-intern. Kull żjieda żgħira fir-rata tal-kriminalita' kienu jpinġuha bħala li waslet l-aħħar tad-dinja. Niftakar meta kont ipproponejt li żgħażagħ li jinqabdu l-ajruport b'ammonti żgħar ta' droga għall-użu personali tagħhom ma jmorrux il-ħabs bilfors, kienu nedew kampanja viljakka kontra l-Gvern u kontrija li konna qed inkunu dgħajfa fil-ġlieda kontra d-droga; tant li ivvotaw kontra dik il-liġi u nfexxew f'akkużi inġusti li llum kellhom jibilgħu għax saħansitra dik il-liġi, li vvotaw kontriha "b'division" qed jgħidu, konvenjentament issa, li hija liġi tajba!

Għalhekk kienet sorpriża għalija li l-Labour ħareġ qattgħa bla ħabel kontra l-proposta tal-Gvern li min jitella' **għat-tieni darba** fuq akkużi serji, eż hold-ups, attakki fuq l-anzjani, abbużi sesswali fuq it-tfal, ma jingħatax pleġġ għal tliet xhur – ħlief bil-permess speċjali tal-Qorti Kriminali. Ma nafx x'ma qalulix kif ipproponejt din l-emenda. Deputat minnhom sejjaħ din l-emenda bħala faxxista. Għalhekk ammirajt lil Onor Adrian Vassallo, li għalkemm ma naqbilx miegħu fuq diversi affarijiet, mhux biss ma kkritikax din l-emenda "faxxista", iżda ddeskriviha bħala "ratba" wisq. Sadanittant l-Opposizzjoni qalet li jekk titla' fil-Gvern, tneħħi din l-emenda fi żmien sitt xhur; jiġifieri l-kriminali riċedivi li jikkomettu reati serji, għal darba darbtejn, jinħarġu fit-toroq ma' l-ewwel.

Issa l-Gvern m'għandu qatt ikun demagogiku; iżda lanqas jista' jinjora l-opinjoni pubblika u l-karba tal-vittmi tar-reati. Il-pubbliku hu skandalizzat meta persuni li jikkomettu diversi "hold-ups", jew reati serji, u jiżbaljaw ripetutament, jinħarġu ma' l-ewwel jew wara ftit taż-żmien. L-emenda li qed nipproponu ssaħħaħ mhux tnaqqas il-fiduċja tal-poplu fis-sistema tal-ġustizzja u fl-istess ħin tippermetti li tingħata l-liberta' provvisorja, anki fit-terminu ta' tliet xhur, meta jkun hemm raġunijiet gravi.

L-Opposizzjoni, flok iddefendiet id-drittijiet tal-vittmi tar-reati, qagħdet tnewwah fuq li l-Gvern m'għandux fiduċja fil-Maġistrati; dan m'hu veru xejn. Allura meta l-Gvern Laburista kien għadda liġi li fl-ewwel 20 jum tal-kumpilazzjoni fil-każ ta' traffikar ta' drogi, ma jistax jingħata pleġġ, ma kellux fiduċja fil-Maġistrati? U meta l-Opposizzjoni, kif diġa' għidt, għamlet kruċjata biex ma nagħtux diskrezzjoni lill-Maġistrati fl-għoti tal-piena f'każ ta' importazzjoni ta' droga għal użu personali, allura ma kienux jafdaw il-Maġistrati.

Għażilna l-Qorti Kriminali biex tkun tista' tagħti l-pleġġ (anki f'dawk it-tliet xhur) sabiex ikun hemm imħallef wieħed – l-iktar tnejn – li jiddeċiedu dawn il-kriterji u b'hekk ikun hemm iktar konsistenza fl-għoti ta' liberta' provvisorja f'każijiet serji.

Allura b'din l-emenda qed nagħmlu xi ħaġa ħażina għaliex f'każijiet speċjali nagħmluha iktar diffiċli sabiex kriminali riċedivi jinħelsu fit-triq? Saret referenza pappagalleska għall-"presunzjoni ta' l-innoċenza" ta' l-akkużat, anki meta jikkommetti reat fuq reat. Li kieku nsegwu l-argument ta' l-Opposizzjoni, fil-ħabs m'għandu jkun hemm ħadd li qed jistenna l-ġuri, għaliex għadu "preżunt innoċenti"; meta aħna nafu li fil-pajjiżi kollha hemm priġunieri li għax

huma perikolużi jew hemm il-biża' li jaħarbu, jitpoġġew fil-ħabs anki waqt li l-każ tagħhom qed jinstema'! Naturalment jekk din id-detenzjoni preventiva titwal iżżejjed, jirbaħ il-prinċipju tal-liberta', u l-priġunier jinħeles sakemm jinstema' il-każ tiegħu.

Dan hu abbozz li jsaħħaħ idejn il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali u li jtejjeb bil-bosta id-drittijiet tal-vittmi. Hekk jipproponi li:

a) il-vittmi jkunu jistgħu jitħallsu d-danni kaġunati lilhom mas-sentenza flok jiftħu kawża oħra huma;

b) se tiġi mnedija skema ta' kumpens għal vittmi ta' reati;

c) tfal taħt is-16-il sena jixhdu, bħala regola, darba biss;

d) il-vittma jkun jista' jitlob li jixhed jew itella' xhieda f'inkjesti Maġisterjali;

e) se jitħaffef il-proċess sabiex il-vittmi ta' serq jieħdu lura ħwejjiġhom meta dawn jinstabu.

Fil-politika ma tistax tintrabat wisq ma' l-interessi tas-settur li minnu inti ġej. Jiena bħala Ministru irrid inħares id-drittijiet ta' l-akkużat bħala l-membru fil-Kabinett responsabbli mill-ġustizzja; iżda ma nistax ma nieħux ħsieb l-interessi wkoll tal-vittmi tar-reati, li għal snin twal kienu ċittadini tas-sekonda klassi fid-dritt penali.

**Tonio Borg**
**30.05.06**